Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla Estiża) tas-16 ta' Ġunju 2011 — Solvay Solexis vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-195/06)

"Kompetizzjoni — Akkordji — Perossidu tal-idroġenu u perborat tas-sodju — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Tul tal-ksur — Kunċett ta' 'ftehim' u ta' 'prattika miftiehma' — Aċċess għal fajl — Multi — Ugwaljanza fit-trattament — Komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni"

1. *Kompetizzjoni — Akkordji — Ftehim bejn impriżi — Kunċett — Qbil tal-intenzjonijiet fir-rigward tal-aġir li għandu jiġi adottat fis-suq — Inklużjoni — Tkomplija tan-negozjati fuq ċerti elementi tar-restrizzjoni — Assenza ta' effett (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 55, 56, 98, 100)*

2. *Kompetizzjoni — Akkordji — Prattika miftiehma — Kunċett — Skambju ta' informazzjoni fil-kuntest ta' akkordju jew sabiex dan jiġi ppreparat — Teħid inkunsiderazzjoni tal-informazzjoni skambjata — Preżunzjoni — Kundizzjonijiet (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 57- 59, 102, 103, 116)*

3. *Kompetizzjoni — Akkordji — Ksur kumpless li jinkludi elementi ta' akkordju u elementi ta' prattika miftehma — Klassifikazzjoni unika bħala 'ftehim u/jew prattika miftehma' — Ammissibbiltà (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 60-62, 81)*

4. *Kompetizzjoni — Akkordji — Effett ħażin fuq il-kompetizzjoni — Kriterji ta' evalwazzjoni — Għan antikompetittiv — Konstatazzjoni suffiċjenti (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 113, 118, 157)*

5. *Kompetizzjoni — Akkordji — Projbizzjoni — Akkordji li jkomplu jipproduċu effetti wara t-tmiem formali tagħhom — Applikazzjoni tal-Artikolu 81 KE (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 124, 125)*

6. *Kompetizzjoni — Akkordji — Prova — Indizji prodotti mill-Kummissjoni — Parteċipazzjoni f'laqgħat li għandhom għan antikompetittiv — Obbligi probatorji tal-impriżi li jikkontestaw in-natura illegali ta' whud minn dawn il-laqgħat (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punt 131)*

7. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Rispett tad-drittijiet tad-difiża — Aċċess għall-fajl — Portata — Assenza ta' komunikazzjoni ta' dokument — Konsegwenzi — Neċessità li ssir, fuq il-livell tal-oneru tal-prova li jaqa' fuq l-impriża kkonċernata, distinzjoni bejn id-dokumenti li jimplikaw u dawk li jiskaġunaw (Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 27(2)) (ara l-punti 146-149)*

8. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Deċiżjoni tal-Kummissjoni — Obbligu ta' motivazzjoni — Portata — Obbligu li l-Kummissjoni tieħu pożizzjoni fuq dokumenti li ma jinkludux elementi li jiskaġunaw — Assenza (Artikoli 81 KE u 253 KE) (ara l-punt 159)*

9. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Rispett tad-drittijiet tad-difiża — Komunikazzjoni tat-tweġibiet għal dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet — Kundizzjonijiet — Limiti (Artikolu 81 KE) (ara l-punti 167-171, 173, 176, 178-181)*

10. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Ksur uniku u kontiwu — Teħid inkunsiderazzjoni tad-differenzi fl-intensità tal-aġiri li jikkostitwixxu ksur (Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(3)) (ara l-punti 191, 210)*

11. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Obbligu li jittieħed inkunsiderazzjoni l-impatt konkret fuq is-suq — Portata (Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, punt 1(A)) (ara l-punti 195-197)*

12. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Tqassim tal-impriżi kkonċernati f'kategoriji li għandhom punt ta' tluq speċifiku — Ammissibbiltà — Kundizzjonijiet — Stħarriġ ġudizzjarju (Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2)) (ara l-punti 220, 221)*

13. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Gravità tal-ksur — Ċirkustanzi attenwanti — Rwol passiv jew emulattiv tal-impriża — Kriterji ta' evalwazzjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, l-ewwel inċiż tal-punt 3) (ara l-punti 241-243, 252, 268)*

14. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Ċirkustanzi attenwanti — Aġir diverġenti minn dak miftiehem fl-akkordju — Evalwazzjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03, punt 3) (ara l-punti 269, 271-272)*

15. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Kriterji — Teħid inkunsiderazzjoni tal-kooperazzjoni mal-Kummissjoni tal-impriża inkriminata barra mill-kuntest stabbilit mill-Komunikazzjoni fuq il-Kooperazzjoni — Kundizzjonijiet — Limiti (Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23; Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni 98/C 9/03, punt 3, u 2002/C 45/03, it-tielet subparagrafu tal-punt 23(b)) (ara l-punti 283, 285)*

16. *Kompetizzjoni — Multi — Deċiżjoni li timponi multi — Obbligu ta' motivazzjoni — Portata — Indikazzjoni tal-elementi ta' evalwazzjoni li wasslu lill-Kummissjoni tqis il-gravità u t-tul tal-ksur (Artikolu 253 KE, Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(3)) (ara l-punti 297, 299)*

17. *Kompetizzjoni — Multi — Ammont — Determinazzjoni — Natura dissważiva — Kriterji ta' evalwazzjoni tal-fattur ta' dissważjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 23(2); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 9/03) (ara l-punti 305, 306)*

18. Kompetizzjoni — Regoli Komunitarji — Ksur — Imputazzjoni — Waqfien ta' fergħa tal-attivitajiet — Persuna ġuridika responsabbli għat-tmexxija tal-impriża matul il-ksur (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 308, 310)

Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 1766 finali, tat-3 ta' Mejju 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 (KE) u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F/38.620 — Perossidu tal-idroġenu u perborat), u, min-naħa l-oħra, talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Solvay Solexis SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ġunju 2011 — MB System vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-209/11 R)

"Proċeduri għal miżuri provviżorji — Għajnuna mill-Istat — Obbligu ta' rkupru — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Urġenza — Ibbilanċjar tal-interessi"